PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 4650

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 315 tal-25 ta' Marzu 2020 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**MISTOQSIJIET MHUX IMWIEĠBA**

**46. ONOR. CHRIS SAID jistaqsi lill-Ispeaker:** Jista' Mr Speaker jieħu l-passi neċessarji jew iħeġġeġ lill-Ministri kkonċernati biex il-mistoqsijiet parlamentari li mill-bidu ta' din il-Leġiżlatura sal-lum ġew imwieġba li "Risposta tingħata f'xi seduta oħra" jew li "L-informazzjoni għadha tinġabar" jew xi risposta simili, fil-fatt jiġu mwieġba, u dan kif inhu obbligat li jagħmel kull Ministru?

**18.3.2020**

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif ġie ddikjarat diversi drabi mis-Sedja preżenti u mill-predeċessuri tagħha f'numru ta' rulings, is-Sedja m'għandha l-ebda jedd dwar il-mod kif Ministru jwieġeb Mistoqsijiet Parlamentari li jkunu sarulu.

Minbarra d-diversi *rulings* dwar din il-materja, is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-mistoqsija parlamentari li kienet saret mill-Onor. Joe Mizzi lill-Ispeaker Anton Tabone appuntu dwar il-mistoqsijiet li kienu għadhom pendenti għaliex ma ngħatatx tweġiba għalihom. Fit-tweġiba mogħtija għal din il-mistoqsija fil-31 ta' Mejju 2011 kien ingħad dan li ġej:

> "Dwar għaliex ikun hemm dewmien biex tingħata tweġiba, mhijiex materja li jiena nista' nwieġeb; hija materja li tkun trid tiġi indirizzata lejn il-Membru tal-Eżekuttiv li lilu jew lilha tkun saret il-mistoqsija."

Is-Sedja rat ukoll dak li jgħid Erskine May[1] dwar din il-materja, u tikkwota estratt taħt is-sezzjoni 'Speaker's control of questions' fejn jingħad li:

> '*The Speaker's responsibility for questions is limited to their compliance with the rules of the House. Responsibility in other respects rests with the Member who proposes to ask the question, and responsibility for answers rests with Ministers.*'

Madankollu, is-Sedja, kif għamlet ukoll drabi oħra, tirrakkomanda li safejn hu possibbli, il-Ministri għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet li jsirulhom dwar ħwejjeġ pubbliċi li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom fiż-żmien stipulat mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Fejn dan ma jkunx possibbli, il-Ministru għandu jara li l-Onorevoli Membru jingħata tweġiba kemm jista' jkun fi żmien raġjonevoli.

Minn eżami li għamlet is-Sedja joħroġ li matul din il-leġiżlatura, filwaqt li ġew imwieġba 12844 mistoqsija, hemm 533 mistoqsija fejn il-Ministru indika li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra. Is-Sedja tagħraf l-importanza tal-mistoqsija parlamentari bħala għodda ta' skrutinju mill-Parlament fuq l-Eżekuttiv, u f'dan ir-rigward tħeġġeġ lill-Ministri konċernati sabiex jaraw li dawn il-mistoqsijiet jingħataw tweġiba hekk kif ikun possibbli.

---

[1] Erskine May online: https://erskinemay.parliament.uk/section/4937/speakers-control-of-questions/